# Karta numru **8**



## 1. Ikteb kliem minflok numri.

1. L-Għarab ħadu l-kontroll tal-Gżejjer Maltin fis-sena (870) ______________________________ wara Kristu; kienu huma li bnew l-ewwel kastell fil-ponta tal-peniżola tal-Birgu.
2. Jingħad li meta fis-sena (1091) ______________________________ ġie Malta l-Konti Ruġġieru, fil-Birgu twaqqfet parroċċa.
3. Meta l-Kavallieri ġew Malta fis-sena (1530) ______________________________ huma marru joqogħdu fil-Birgu.
4. Matul il-(35) ______________________________ sena li għamlu fil-Birgu, il-Kavallieri bnew bosta bini importanti, fosthom is-Sagra Infermerija jew l-Isptar.
5. Fl-Assedju l-Kbir tal-(1565) ______________________________ il-Birgu żamm sod kontra t-Torok, għalhekk il-belt ingħatat it-titlu ta' Vittoriosa li tfisser 'mhux mirbuħa'.
6. Fis-sena (1566) ______________________________ il-Kavallieri bdew jibnu belt kapitali ġdida u fi żmien (5) ________________ snin kienu ġa bdew iġorru kollox lejn din il-belt.
7. Fil-Birgu nsibu (2) ________________ knejjes prinċipali, dik iddedikata lil San Lawrenz u l-knisja l-oħra iddedikata lil San Duminku.
8. Fis-sena (1939) ______________________________ faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija u l-Birgu sofra ħsarat kbar.
9. Fis-Seklu (15) ______________________________ inbniet il-kappella ddedikata lil Sant' Anna li għadna nistgħu naraw ġewwa l-Kastell Sant' Anġlu.
10. Il-festa lill-patrun San Lawrenz issir nhar l- (10) ________________ t'Awwissu ta' kull sena.


© tony pace uffiċjal edukattiv